

# SPEĊJALISTI SUPERJURI FIL-QASAM TAL-KWALIFIKI AVVIŻ TA' POST BATTAL

Aġent temporanju — grupp ta' funzjoni AD, grad 9

## Lest għall-isfida kbira li jmiss tiegħek?

Id-Dipartiment tal-Operazzjonijiet fil-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF) qed ifittex speċjalisti superjuri fil-qasam tal-kwalifiki biex jappoġġaw it-tweġiq tal-attivitajiet tagħha f'pajjiżi ġirien tal-Unjoni Ewropea.

Inti se jkollok rwol importanti fl-appoġġ ta' proġetti li għandhom l-għan li jgħinu lil dawn il-pajjiżi jimmodernizzaw is-sistemi edukattivi tagħhom, itejbu l-iżvilupp tal-ħiliet u joħolqu opportunitajiet għan-nies tagħhom bħala parti mill-isforzi tar-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni Ewropea.

Filwaqt li se taħdem mill-qrib ma' tim internazzjonali u se tikkollabora ma' firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati, ix-xogħol tiegħek se jinvolvi li taħdem b'mod kollaborattiv biex tmexxi l-iżvilupp ta' għarfien espert dwar l-iżvilupp tal-kapital uman fi ħdan l-organizzazzjoni, li tnejni għal konferenzi ta' livell għoli u avvenimenti oħra filwaqt li tagħmel preżentazzjonijiet fihom, kif ukoll li tipparteċipa f'missjonijiet fuq il-post f'pajjiżi sħab differenti.

Jekk inti ppassjonat dwar l-edukazzjoni, l-impjegi u l-kwalifiki, fl-ETF se jkollok l-opportunità li tiżviluppa l-interess tiegħek f'ambjent professjonali li joffri sfida.

## X'inhil-ETF?

L-ETF hija aġenzija tal-UE bbażata f'Turin, l-Italja. Din tgħin lill-pajjiżi fi tranżizzjoni u lil dawk li qed jiżviluppaw jisfruttaw il-potenzjal tal-kapital uman tagħhom permezz tar-riforma tas-sistemi tal-edukazzjoni, tat-taħriġ u tas-suq tax-xogħol, fil-kuntest tal-politiki tar-relazzjonijiet esterni tal-UE.

Aħna nappoġġaw pajjiżi li jinsabu fil-fruntiera mal-UE biex itejbu s-sistemi vokazzjonali u tat-taħriġ tagħhom, janalizzaw il-ħtiġijiet tal-ħiliet, u jiżviluppaw is-swieq tax-xogħol tagħhom. B'dan il-mod, aħna ngħinuhom itejbu l-koeżjoni soċjali u jiksbu aktar tkabbir ekonomiku sostenibbli, li konsegwentement ikun ta' benefiċċju għall-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom billi jittejbu r-relazzjonijiet ekonomiċi.

## X'qegħdin noffru?

**Stabbiliment ta' lista ta' riżerva:** Aġent temporanju – grupp ta' funzjoni AD, grad 9

**Tul tal-kuntratt:** 3 snin, jiġġedded, soġġett għal perjodu ta' prova

**Salarju tipiku għal:** impjegat mhux miżżewweġ, bi 12-il sena ta' esperjenza professjonali rilevanti; madwar €5,590 nett / xahar; għal impjegat, bi 12-il sena ta' esperjenza professjonali rilevanti, beneficiċju tal-espatrijazzjoni u wild dependenti wieħed: madwar € 7,860 nett / xahar.

## Profil tal-impjeg: responsabbiltajiet u kompiti ewlenin

Il-kandidat li jintgħażel se jaħdem f'ambjent dinamiku u multikulturali. Huwa se jkun f'ambjent ta' tim li se jaħdem b'moħħ miftuħ. Se jikkondividi l-informazzjoni, l-għarfien u l-esperjenza ma' oħrajn. Se jkun proattiv u entużjast. Se jkollu f'idejha ta' komunikazzjoni tajbin u jieħu gost jitellem waqt laqgħat jew konferenzi.

Minbarra dan ta' hawn fuq, b'mod partikolari l-ispeċjalista superjuri se jkun:

- jipprovi għal ta' politika lill-pajjiżi sħab fir-riforma tas-sistemi ta' kwalifiki tagħhom
- jżviluppa l-kapaċità fl-għarfien, il-fundamentali u l-kompetenzi meħtieġa biex jiġu implimentati b'mod effiċjenti s-sistemi tal-kwalifiki
- jappoġġa lill-Istituzzjonijiet Ewropej u l-pajjiżi sħab fid-djalogu politiku fil-livelli reġjonali u bilaterali
- jappoġġa lill-Kummissjoni Ewropea fil-fażijiet differenti ta' ċiklu u l-programmi tal-proġett tar-relazzjonijiet esterni
- jipprovi analiżi fil-fond tas-sistemi ta' kwalifiki tal-pajjiżi sħab billi jiġbor l-intelligence u jimmonitorja l-progress tar-riformi
- imexxi b'mod konġunt l-iżvilupp ta' għarfien espert fil-qasam tal-kwalifiki, inkluż l-iżvilupp ta' għodod metodoloġiċi biex jappoġġaw pajjiżi sħab
- jikkontribwixxi għad-diskors dwar l-iżvilupp globali tas-sistemi ta' kwalifiki u l-pożizzjoni tal-ETF abbażi tal-esperjenza miksuba mill-prattika

L-ispeċjalisti superjuri jivvjaġġaw ta' spiss.

## Kriterji ta' eliġibbiltà

Sabiex titqies bħala eliġibbli, inti trid tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin fid-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet:

- 1 Tkun ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jew tal-pajjiżi sħab tal-ETF<sup>1</sup>
- 2 Tgawdi minn drittijiet sħaħ bħala ċittadin
- 3 Tkun issodisfajt kwalunkwe obbligu impost mil-liġi rigward is-servizz militari
- 4 Tkun fiżikament b'saħħtek biex twettaq id-dmirijiet marbuta ma' din il-kariga
- 5 Ikollok livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ta' mill-anqas erba' snin iċċertifikati b'diploma, segwiti b'mill-anqas 12-il sena ta' esperjenza professjonali xierqa;

<sup>1</sup> Il-pajjiżi sħab tal-ETF huma: L-Albanija, l-Alġerija, l-Armenja, l-Azerbajġan, il-Belarusja, il-Bożnija-Ħerzegovina, l-Eġittu, il-Georgia, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Każakistan, il-Kosovo, il-Kirgizistan, il-Libanu, il-Libja, il-Moldova, il-Montenegro, il-Marokk, il-Maċedonja ta' Fuq, il-Palestina, ir-Russja, is-Serbja, is-Sirja, it-Taġikistan, it-Tuneżija, it-Turkija, it-Turkmenistan, l-Ukrajna u l-Uzbekistan.

## jew

Ikollok livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ta' mill-anqas tliet snin iċċertifikati b'diploma, segwiti b'mill-anqas 13-il sena ta' esperjenza professjonali xierqa

- 6 Ikollok għarfien tajjeb (livell C1 fid-dimensjonijiet kollha skont il-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi jew CEFRL) ta' waħda mil-lingwi tal-Unjoni u jkollok għarfien sodisfaċenti (livell B2 fid-dimensjonijiet kollha skont is-CEFRL), ta' lingwa oħra tal-Unjoni, sal-punt meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti.

## Kriterji tal-għażla

### Esperjenza professjonali

L-applikanti għandu jkollhom minimu ta' 12-il sena esperjenza professjonali fl-iżvilupp tal-kapital uman.

Bħala parti minn din l-esperjenza professjonali, l-applikanti għandu jkollhom tliet snin ta' responsabbiltajiet ewlenin matul dawn l-aħħar ħames snin, fl-appoġġ tar-riforma tas-sistemi tal-kwalifiki, f'żewġ oqsma jew aktar elenkati hawn taħt:

- l-użu prattiku ta' informazzjoni dwar is-suq tax-xogħol biex jiġu identifikati kwalifiki ġodda, inklużi l-identifikazzjoni u d-definizzjoni ta' standards okkupazzjonali
- id-definizzjoni ta' standards, kurrikuli u moduli edukattivi bbażati fuq riżultati ta' tagħlim
- l-istabbiliment ta' sistemi ta' valutazzjoni u mekkaniżmi ta' assigurazzjoni tal-kwalità relatati
- l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' validazzjoni ta' tagħlim mhux formali u informali
- ir-rikonoxximent ta' kwalifiki, inkluż ta' kwalifiki internazzjonali
- l-iżvilupp istituzzjonali ta' aġenziji ta' kwalifiki, ċentri ta' valutazzjoni, korpi ta' għoti, kumitati settorjali, aġenziji ta' assigurazzjoni ta' kwalità u korpi ta' metodoloġija
- ir-riċerka komparattiva applikata, bħat-tqabbil ta' standards ta' kwalifiki, il-validazzjoni ta' prattiki ta' tagħlim mhux formali u informali jew rapporti ta' referenzjar ta' pajjiżi, evalwazzjonijiet ta' programmi ta' riforma, bidliet leġiżlattivi
- applikazzjonijiet tal-IT rilevanti bħall-iżvilupp u l-użu ta' databases ta' standards u kwalifiki, kwalifiki ffirmati b'mod diġitali, l-interoperabbiltà tad-databases rilevanti

### Ħiliet tekniċi ewlenin meħtieġa — ħiliet tajbin ħafna:

- fl-iżviluppi ta' politika fil-qasam tal-kwalifiki u r-rikonoxximent, inklużi rabtiet mal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki
- fil-ġestjoni tal-proġetti u fil-fehim tal-politiki, tal-programmi u tal-istrumenti tar-relazzjonijiet esterni tal-UE
- Inġliż: livell C1 fid-dimensjonijiet kollha skont is-CEFRL

### Il-ħiliet personali ewlenin meħtieġa — ħiliet tajbin ħafna:

- fl-analiżi
- fl-organizzazzjoni, fil-prijoritizzazzjoni u fil-ġestjoni tal-ħin
- f'ħidma bħala tim;

- fil-komunikazzjoni, bil-fomm u bil-miktub
- fit-taħdit pubbliku
- fin-netwerking u fin-negozjar

## Assi

- esperjenza professjonali rilevanti f'wieħed jew aktar mill-pajjiżi sħab tal-ETF
- livell B2 fl-Għarbi jew fil-Franċiż jew fir-Russju fid-dimensjonijiet kollha skont is-CEFRL

## Sottomissjoni ta' applikazzjonijiet

Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet hijas **-16 ta' Diċembru 2019 f'23.59 (Fin ta' Turin)**.

Inti mistieden tibgħat l-applikazzjonijiet tiegħek permezz tas-sit web tal-ETF, taħt it-taqsimiet “dwar” u mbagħad “reklutaġġ”.

Nirakkomandaw bil-qawwa li ma tistenniex sal-aħħar ġurnata biex tissottometti l-applikazzjoni tiegħek, għaliex traffiku kbir tal-internet jew xi difett fil-konnessjoni tal-internet jistgħu jwasslu għal diffikultajiet fis-sottomissjoni. L-ETF ma tistax tinżamm responsabbli minn kwalunkwe dewmien ikkawżat minn tali diffikultajiet.

## Rekwiżiti formali

Inti trid tipprovdi d-**dokumenti kollha** msemmija hawn taħt, **sad-data tal-għeluq**, preferibbilment bl-Ingliż:

- ittra ta' introduzzjoni ta' mhux aktar minn paġna waħda, li tispjega għaliex inti interessat fil-pożizzjoni
- curriculum vitae permezz tal-format tas-CV tal-Europass;
- il-formola tal-kriterji tal-għażla

**Jekk jogħġbok innota li l-applikazzjonijiet li jiġu ppreżentati online permezz tas-sit web tal-ETF biss, f'konformità mar-rekwiżiti formali msemmija hawn fuq, se jiġu aċċettati għall-fażi tal-għażla.**

## Għażla

L-għażla tinkludi tliet fażijiet konsekuttivi:

### Fażi 1 – Eżami tal-applikazzjonijiet

#### 1.1 Eliġibbiltà

L-unità tar-Riżorsi Umani se tirrieżami l-applikazzjonijiet kollha. L-applikazzjonijiet li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà kollha biss jgħaddu għall-fażi li jmiss.

#### 1.2 Għażla għall-intervisti u t-testijiet bil-miktub

Fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta fil-curriculum vitae u tal-formola tal-kriterji tal-għażla, il-bord se jivvaluta l-applikazzjonijiet skont l-esperjenza professjonali, il-ħiliet tekniċi meħtieġa u l-assi. Il-

kandidati li jippreżentaw l-aktar applikazzjonijiet xierqa se jiġu mistiedna jattendu għal intervista u għal testijiet bil-miktub. Huwa mistenni li se jiġu mistiedna madwar 8 kandidati.

Minħabba l-volum kbir ta' applikazzjonijiet mistennija, se jiġu kkuntattjati biss il-kandidati mistiedna għal intervista u għal test bil-miktub.

## Fażi 2 –Intervisti u testijiet bil-miktub

Il-bord se jivvaluta l-esperjenza professjonali tal-kandidati u l-ħiliet meħtieġa għall-kariga u għal Aġenti Temporanji tal-UE permezz ta' intervista u testijiet bil-miktub. Tali testijiet se jinvolvu mill-anqas parti anonima waħda. L-intervista u t-test bil-miktub se jsiru primarjament bl-Ingliż.

Mat-tlestija ta' din il-fażi, il-bord se jippreżenta quddiem id-Direttur tal-ETF lista ta' kandidati meqjusa l-aktar konformi mal-kriterji tal-għażla - wara li jkunu laħqu mill-anqas 70 % tal-punteġġ totali għal intervista u testijiet bil-miktub.

Din il-fażi hija mistennija li ssir fi [Frar 2020](#).

## Fażi 3 - Lista ta' riżerva

Meta titqies il-proposta magħmula mill-bord, id-Direttur tal-ETF se jistabbilixxi lista ta' riżerva bil-kandidati l-aktar xierqa.

Il-lista se tkun valida sal-31 ta' Diċembru 2020. Il-validità tagħha tista' tiġi estiża jekk jiddeċiedi hekk id-Direttur. L-inklużjoni fil-lista ma tiggarrantix offerta ta' impjieg.

Meta pożizzjoni ssir battala jew tkun trid tiġi koperta, id-Direttur jista' joffri impjieg lil kandidat fil-lista li l-profil tiegħu jissodisfa l-aħjar il-ħtiġijiet tal-ETF f'dak il-mument.

## Ix-xogħol tal-bord

Ix-xogħol u d-deliberazzjonijiet tal-bord huma kunfidenzjali b'mod strett u kwalunkwe kuntatt mal-membri tiegħu mhux permess. F'każ li dawn jiġu kkuntattjati, dan jista' jikkostitwixxi raġunijiet għal skwalifika mill-proċedura.

## Kundizzjonijiet Kuntrattwali

### Kuntratt ta' impjieg

Il-kuntratt tal-impjieg għandu durata fissa ta' tliet snin. Dan jista' jiġġedded.

Dan huwa soġġett għal perjodu ta' prova ta' disa' xhur.

Il-kuntratti ta' Aġent Temporanju huma skont l-Artikolu 2(f) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Impjegati Oħra (CEOS) tal-Unjoni Ewropea.

B'dan it-tip ta' kuntratt, l-impjegat ikun marbut bis-CEOS kif ukoll bir-Regoli ta' Implimentazzjoni rilevanti.

L-ETF se tkun marbuta bil-kuntratt ta' impjieg li jiġi offrut biss jekk il-kandidat magħżul, qabel ma jiġi ffirmat il-kuntratt, ikun:

- ipprova kopji oriġinali jew iċċertifikati tad-dokumenti rilevanti kollha li jagħtu prova tal-eliġibbiltà tiegħu, inkluż rapport nadif tal-pulizija;

- għamel eżami mediku obligatorju li jstabilixxi li huwa jissodisfa l-istandard ta' saħħa fiżika neċessarja biex jaqdi d-dmirijiet involuti
- informa lill-ETF bi kwalunkwe kunflitt ta' interess attwali jew potenzjali u jkun tqies li ma għandu l-ebda interess personali b'tali mod li jdgħajjef l-indipendenza tiegħu jew kwalunkwe kunflitt ta' interess ieħor.

## Salarju u benefiċċji

Skont is-sitwazzjoni personali tagħhom, il-membri tal-persunal jistgħu jkunu intitolati għal diversi benefiċċji bħall-benefiċċju tal-espatrijazzjoni, il-benefiċċju tal-unità domestika, il-benefiċċju ta' wild dipendenti, il-benefiċċju tal-edukazzjoni, eċċ. Is-salarju huwa soġġett għal taxxa Komunitarja mnaqqsa f'ras il-għajn u l-membri tal-persunal huma eżentati mit-tassazzjoni nazzjonali.

## Informazzjoni addizzjonali

Id-dokumenti pprovduti matul il-proċedura mhux se jiġu ritornati lill-kandidati, iżda se jinżammu fil-fajl għand l-ETF sakemm ikun meħtieġ u mbagħad jiġu meqruda.

Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data* personali u l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni se tapplika għad-*data* personali kollha miġbura għal din il-proċedura.

Aktar informazzjoni hija disponibbli fl-[Istqarrija ta' Privatezza](#) fuq is-sit web tal-ETF.

L-applikanti li jħossu li l-interessi tagħhom ikunu ġew ippreġudikati bi kwalunkwe deċiżjoni relatata mal-proċedura, jistgħu jressqu lment billi jsegwu l-[Istruzzjonijiet](#) disponibbli fuq is-sit web tal-ETF.